MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 837/2011

**Depro Limited (C 33235)**

**vs**

**Michael Ciappara**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici fejn din talbet lill-Qorti tiffissa zmien perentorju lill-intimat sabiex iressaq il-pretenzjoni tieghu fejn huwa qed ivanta dritt ta’ titolu ta’ proprjeta’ fuq l-art de quo u dana tramite l-prezentata tal-kawza relattiva u opportuna; u

F’kaz li l-intimat jonqos li jottempora ruhu mal-ordni hekk moghtija hawn fuq, tordna lill-istess intimat li jigi prekluz ghal dejjem mill-possibilita’ li javvanza pretenzjonijiet simili fil-futur fuq l-art de quo u kwindi tordna lill-intimat li jibqa’ mizmum f’silenzju perpetwu fuq tali pretenzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Michael Ciappara.

Rat is-sentenza taghha tas-17 ta’ April 2013, li permezz taghha, il-Qorti laqghet l-ewwel talba tas-socjeta’ attrici.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi din il-procedura hija t-tieni fazi ta’ azzjoni ta’ jattanza fejn il-Qorti ffissat terminu ta’ tletin jum mis-17 ta’ April 2013 sabiex l-intimat jiddeduci l-pretensjonijiet tieghu f’kawza.

Ma jirrizultax lil din il-Qorti li l-intimat beda xi proceduri fil-konfront tas-socjeta’ attrici, u ghalhekk ghandu jigi mpost fuq l-intimat skiet perpetwu dwar il-pretensjoni minnu vantata.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-tieni talba tas-socjeta’ rikorrenti u timponi fuq Michael Ciappara skiet perpetwu dwar il-pretensjoni minnu maghmula fil-konfront tas-socjeta’ rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu minn Michael Ciappara.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------